**157. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KONTINWAZZJONI TA’ KIRI TA’ LYSTER BARRACKS, ĦAL FAR, LIL ĦAL FERĦ HOLIDAY COMPANY LTD

Billi b’Riżoluzzjoni tas-Seduta Numru 123 tal-24 ta’ Jannar, 1978 il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja ta’ Lyster Barracks, Ħal Far, lil Ħal Ferh Holiday Company Ltd skond il-kondizzjonijiet tal-Abbozz ta’ Ftehim anness mal-istess riżoluzzjoni;

U billi l-imsemmija kumpannija talbet lill-Gvern bies jerġa’ jikrilha l-istess fond għal ħames snin mill-1 ta’ Awissu, 1978, skont il-pattijet u kondizzjonijiet l-oħra li hemm fl-Abbozz ta’ Ftehim fuq imsemmi, iżda biż-żieda li l-istess fond ikun jista’ jiġi wżat għal skopijiet turistiċi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta’ Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gven jew amministratat minnu tista’ tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-sehh fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b’dan riżolut li l-fond magħruf bħala Lyster Barracks Ħal Far, jista’ jiġi mogħti lill-imsemmija Kumpannija, Ħal Ferħ Company Ltd. b’kera għal ħames snins mill-1 ta’ Awissu, 1978, skond il-pattijiet u kondizzjonijiet  l-oħra li hemm fl-Abbozz ta’ Ftehim fuq imsemmi iżda, biż-żieda li l-istess fond ikun jista’ jiġi wżat ukoll għal skopijiet turistiċi.

12.01.1979